## SNAJJIET MISSIRIJIETNA

minn Karmenu Cassar

# TAL-KARETTUNI

**Ħafna minnkom għadhom jiftakru l-karettuni bħala mezz ta' trasport fit-toroq tagħna. Illum dawn kważi spiċċaw. Kultant, iżda għadna naraw bi bejjiegħ tal-ħaxix jew tal-pitrolju b'karettun miġbud minn żiemel jew ilmara mogħbbi b'xi tagħbija. Kulma jgħaddi ż-żmien din id-dehra qed tgħib u magħha allura tgħib ukoll is-sengħa tal-karettuni.**

Sakemm konna ndawrin b'dan il-mezz ta' trasport, il-ħwienet fejn jinħadmu jew jissewwew il-karettuni kienu mill-aktar imfittxija. M'għandniex xi ngħidu l-ġdid jaqla' l-qadim u hekk kif bdejna naraw jinfetħu l-ħwienet tal-*mechanics* bdejna naraw ukoll jingħalqu l-ħwienet ta' l-imgħallmin tal-karettuni. Illum għandna biss ftit minn dawn li tgħoddhom fuq idejk.

### Il-buttun

Ix-xogħol prinċipali tal-karettun qiegħed bir-rota u l-qofol tar-rota huwa l-buttun jew aħjar dak ir-romblu ċkejken, għamla ta' kartell, li jkun preċiż f'nofs ir-rota li minn ġo fih jgħaddi l-fus. Minn ġol-buttun joħroġ l-imgħażel jew l-**'ispokes'** kif nafuh aħjar illum.

Rota ta' karettun fiha 12-il imgħażel. L-ewwel ħaġa li ssir hija li jitħaffru t-toqob li fihom jitqegħdu l-imgħażel. Wara li jimmarka l-post eżatt fejn sa tiġi kull toqba, l-imgħallem iħaffer il-post sakemm jagħtih l-għamla tal-minċott li sa jidħol fih. Imbagħad jibda l-imgħażel. Fuq lasti tal-fraxxnu iħażżeż l-irjus tal-magħżel imbagħad jaħdem in-nofs għat-tond b'mod li jiġu mxuna skond id-daqs tar-rota. F'kull ras jew tarf ta' l-imgħażel jinqata' minċott, wieħed biex jidħol f'waħda mill-ħofriet tal-bċejta u l-ieħor jispiċċa ġot-tundjatura l-kbira tar-rota.

### Fil-post

L-imgħażel l-ewwel jitqegħdu fil-bejta tal-buttun, imbagħad b'daqqiet ħfief tal-mazza jitqegħdu il-post. Imbagħad bil-lasta tal-kejl f'idu x-xellugija, l-imgħallem jirregola l-imgħażel b'mod li ma jidħolx dritt għal kollox izda jaqleb harira 'l ġewwa u b'hekk jagħti aktar saħħa lir-rota.

It-tundjatura l-kbira tar-rota msejħa l-korvu fiha sitt biċċiet injam indaqs. Kull waħda minn dawn titħaffer b'żewġ bnadi biex jidħlu fiha l-minċotti ta' zewġ imgħazel. Qabel, ma' kull biċċa titqiegħed fil-post tinqata' tal-qies biex b'hekk it-tundjatura tiġi ezatta.

Bil-korvu f'postu l-imgħallem issa jħozz it-tundjatura b'kumpass li jasal sa qaddu biex il-banek zejjed jinqata' u x-xifer jiġi tond perfett. Hawnhekk idaħħal foles f'kull wieħed mit-tnax-il minċott tal-korvu u b'hekk ix-xogħol ta l-injam jintemm.

Imbagħad ir-rota tgħaddi f'idejn ieħor — għall-ewwel biċċa xogħol tal-ħadid — iċ-ċirku kbir ta' barra. Hawnhekk l-imgħallem jaqbad virga u jorbotha minn tarf wieħed tal-korvu.

Ir-raġel tas-sengħa hawnhekk ikollu bżonn l-għajnuna biex idawru r-rota; il-virga titgħawweġ f'għamla ta' ċirku u wara jaqtagħha bejn wieħed u ieħor għad-daqs. Il-virga imbagħad jgħaqqadha f'ċirku u hawnhekk juzaha n-nar tal-forġa.

Irekkeb iz-zewġ trufijiet tal-virga u jqegħdhom fuq il-ġmamar biex jikkaldjaw. L-esperjenza twila ta' l-imgħallem tgħinu biex jinduna li nkewa biżżejjed u jsammru fuq l-inkwina sakemm iz-zewġ trufijiet jagħqdu f'biċċa waħda.

### Iċ-ċirku

Is-sengħa titlob li ċ-ċirku tal-ħadid ikun ftit iċken miċ-ċirkunferenza tar-rota. Għalhekk b'reqqa kbira u bl-għodda tas-sengħa tiegħu r-raġel tas-sengħa jkejjel ir-rota imbagħad iċ-ċirku biex isib id-daqs ezatt li għandu jkollu ċ-ċirku. Jekk iċ-ċirku jkun ġie xi ftit ikbar milli jkollu bżonn, imbagħad biex iċekknu, iqiegħed parti miċ-ċirku biex tinkewa fuq il-forġa.

Malli l-imgħallem jikkardja, jorbot iċ-ċirku ġo magna, li permezz tagħha jista' jagħsar jew itawwal dik il-parti tal-virga filwaqt li tkun għadha ratba. Hawnhekk iċ-ċirku jkun lest.

Billi ċ-ċirku jkun iċken mill-korvu, kif fuq kollox suppost ikun, qabel jitqiegħed madwar ir-rota, jgħaddi minn proċess ieħor. Iċ-ċirku jissaħħan fuq il-ħatab għal xi nofs siegħa biex b'hekk jespandi biżżejjed biex jidħol tajjeb madwar ir-rota. Malli jitneħħa minn fuq il-ħatab, ir-raġel tas-sengħa megħjun minn ieħor idaħħlu f'postu u jxarbu biex b'hekk jiksaħ malajr u ma jaħraqx l-injam tal-korvu.

Aktar ma jiksaħ aktar jiċken, jissikka u jagħlaq għal kollox f'ħaġa waħda l-korvu u l-imgħażel. Bl-istess mod jitqegħdu l-erbgħa ċrieki żgħar ta' madwar il-buttun u r-rota issa lesta.

Issa jkun jonqos biss iż-żebgħa u jinżebgħa l-ewwel il-buttun, imbagħad l-imgħażel, il-korvu u x-xatba tal-karettun.

Issa il-Karettun ikun lest minn kollox u sidu jista' jaqla' l-ħobża ta' kuljum billi jgħabbih bit-tagħbija tal-ħaxix, frott eċċ.

